**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
**Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 18.10.09: ID-29 ĦADD TAS-SENA**

## ĠURNATA MISSJUNARJA.

Il-ġbir li jsir illum fi-knisja u fit-toroq se jkun kollu għall-Missjoni.

**FIL-10.30a.m.** Quddiesa li fiha is-Sur Lawrence Buttigieg se jfakkar il-**100 SENA** mit-twelid tiegħu.

**Lejliet il-Konsagrazzjoni tal-Knisja**

**Fit-3.30p.m.** Kant ta' l-Ewwel Għasar

**Fil-4.00p.m.** quddiesa.

**IT-TNEJN, 19.10.09: JUM IL-KONSAGRAZZJONI TAL-KNISJA TAGĦNA.**

Illum min jinvista l-knisja u jitlob għall-fehma tal-Papa jista jirbaħ l-Indulġenza Plenarja.

**IT-TLIETA, 20.10.09: Fis-7.15p.m.** se ssir Laqgħa għaż-Żgħażagħ Għawdxin li jaħdmu jew jistudjaw Malta. Din se tkun organizzata mill-Kummissjoni Żgħażagħ u ssir fil-Kappella ta' l-Universita'. Għal din il-laqgħa se jkun mistieden speċjali Mons Isqof Mario Grech.

**Fis-7.30p.m.** se ssir il-Laqgħa tal-Lectio Divina li tkun fid-Dar Parrokkjali

**Fis-7.30p.m. LAQGĦA TA' TALB GĦALL-IRĠIEL.**

Din tkun fil-Knisja u għaliha huma mistiedna l-irġiel kollha.

**IL-ĠIMGĦA, 23.10.09:** Ir-Rużarju li qed isir fiz-zoni matul xahar ta' Ottubru, din il-ġimgħa jmiss fiz-zona ta' Main Street.

Inħeġġu lir-residenti ta' din iz-zona biex jieħdu sehem magħna f'din it-talb tar-Ruażarju.

**IL-ĦADD, 25.10.09: IT-30 ĦADD MATULIS-SENA.**

**NIRRINGRAZZJA…**

Lis-Seminarista Trevor Sultana, mix-Xewkija li matul din is-sena li għaddiet mexxa l-grupp tal-vokazzjonijiet tal-Parroċċa tagħna b'laqgħat kull nhar ta' Sibt u organizza diversi attivitajiet għalihom. Barra minn hekk ukoll huwa ta' is-sehem tiegħu fil-Lituġija fil-parroċċa tagħna.

**NILQA' U NAWGURA…**

Lis-Seminarista Joseph Attard miż-Żebbuġ li qed jieħu post is-Seminarista Trevor fit-tmexxija tal-Grupp tal-Vokazzjonijiet u anke ifs-servizz lituġiku fil-knisja.

**Il-KUNGRESS EWKARISTIKU**

Mal-Bullettin ta' din il-ġimgħa qed inqassmulkom l-programm tal-Kungress Ewkartsitiku li qed isir fid-djoċesi tagħna. Nagħmel appell biex insegwuh ħalli nieħdu sehem fil-laqgħat u ċ-ċelebrazzjonijiet li hemm imħejjija.

Tajjeb li nżommu quddiem għajnejna li dan huwa mument ta' grazzja li Ġesu' qed jagħtina biex aħna nkunu iktar qrib tiegħu fl-Ewkaristija u speċjalment bis-sehem ħaj tagħna fil-quddiesa tal-Ħadd.

**ADORAZZJONI**

Fl-okkażjoni tal-Kungress Ewkarsitiku u tas-sena dedikata lis-saċerdoti, kull nhar ta' Ħamis se jkun hawn Ġesu' espost għall-adorazzjoni mis-6.00a.m. sat-8.00a.m.

Nistieden lil kulħadd biex jagħmel ftit ħin quddiem Ġesu' fl-Ewkaristija, li hija l-għajn ta' kull ġid spiritwali u tal-ferħ tal-qalb tagħna.

**IL-KUNSILL LOKALI** javża li nhar it-Tlieta 27 ta' Ottubru se ssir ħarġa għal Malta għal dawk 'l fuq minn 50 sena. Biljetti mill-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali mhux iktar tard minn nhar il-Ġimgħa 23 ta' Ottubru.